# L-Affreski tal-Kursija fil-Bażilka Elenjana

Dun Anton Mallia Borg

Ħafna jidħlu fil-knisja parrokkjali ta' Birkirkara u qajl jiflu l-affreski li l-pittur Taljan Virginio Monti fuq l-istudju tal-kanonku Palermitan Salvatore di Pietro issuġerixxa għat-tpingija a fresco tas-saqaf tal-kursija u fil-koppla

Monti fl-affreski tal-kursija pitter id-dehra tas-sinjal tas-salib fis-sema lil Kostantinu fl-eqqel tal-jum, il-battalja fuq Ponte Milvio fejn Massenzju safa mgħarraq fix-xmara Tevere, mirbuħ minn Kostantinu u l-Editt ta' Milan minn Kostantinu u Liċinju fis-sena 313 A.D.

L-editt hu document uffiċjali u jorbot, maħruġ minn min hu mogħni sewwa bis-setgħa, u li hu meħtieġ li jiġi mwettaq, u obdut mis-sudditi. Biex nifhmu sewwa l-importanza ta' l-editt imemmi, jinħtieġ li jkollna l-isfond taż-żmien u ċ-ċirkostanzi ta' meta nħareġ u safa esegwit, kif ukoll l-effetti tiegħu.

**Ħjiel ta' l-istorja**

Wara l-mewt ta' Ġesu' ta' Nazaret, u dawk li hu għażel bdew il-missjoni tagħhom tax-xandir tal-bxara t-tajba fid-dinja magħrufa dak Iż-żmien, din kienet iż-żerriegħa li darba f'waħda mit-taħdidiet tan-Nazzarenu lill-folla, kien semma, dwar ix-xorti li kellha tmiss il-predikazzjoni ta' l-Appostli, magħżula minnu wara li kienu xhiedha ta' dak li għamel u li għallem. Wara li dawn ġew imsaħħin bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu f'jum il-Pentekoste, bdew jixterdu mad-dinja jħabbru dak li tgħallmu minn Ġesu' nnifsu. Fl-ewwel snin kellhom vantaġġ ta' movement billi l-Imperu Ruman kien fl-aqwa tiegħu,



imxerred mad-dinja ta' dak Iż-żmien. Is-sudditi ta' l-imperu kienu jqimu diversi allat, jibnulhom tempji u jaduraw ix-xbihat tagħhom. It-tagħlim ta' Ġesu' ma kienx jiġi milqugħ minn kulħadd, iżda ż-żerriegħa li waqgħet fuq art tajba, kienet tassew għammiela.

F'Ruma, Iċ-ċentru ta' l-imperu bdew isaltnu imperaturi li xejn ma ssaħħru bit-tagħlim tan-Nazzarenu. L-ewwel u l-eqqel imperatur kien Neruni. Fi żmienu inqatlu l-Appostli Pietru u bi qtugħ ir-ras Pawlu ta' Tarsu, wara li fis-sena 60 A D, fi triqtu lejn Ruma biex bħala ċittadin ruman ikollu s-sentenza tal-kastig mogħtija minn Cesari, sofra n-nawfraġju fil-gżira ta' Malta. Neruni kien kattiv u kapriċċuż u f'waħda mill-burdati tiegħu, wasal biex tingħata n-nar l-istess belt ta' Ruma, waqt li hu mar 'l bogħod u inqeda minn Tigellinu f'dan il-pjan ikrah. Biex jgħatti xturu u jikseb il-popolarita', Neruni waħħal li dan il-ħruq twettaq minn dak li kienu jqimu u ħaddnu l-qima ta' Ġesu' ta' Nazaret.

Allura bdiet il-moħqrija ta' l-insara, miċħuda ċ-ċittadinanza tagħhom, ikkundannati għal diversi moħqrijiet, fosthom il-ħabsijiet u l-mewt, meqruda l-postijiet modesti tal-kult tagħhom, kif ukoll ipprojbiti l-laqgħat tagħhom. Neruni temm ħajtu b'mewta ta' għajb.. Bosta nsara taw xhiedha ta' twemminhom bis-sura ta' mewt li ngħatatilhom. L-istorja ta' l-ewwel sekli tal-Knisja tagħtina l-ismijiet ta' diversi persuni ta' kull sess u eta' kemm jekk papiet, isqfijiet, uffiċjali, ġenituri u saħansitra tfal li b'demmhom imxerred, aw xhud ta' dak li fih emmnu. Uħud mill-poplu pagan kien jogħxa bil-moħqrija ta' dawn il-qalbiena. Xi drabi kienu jinġabru f'postijiet biex flok jaraw it-taqbida bejn il-gladjaturi, jaraw ukoll l-insara jissieltu mal-bhejjem feroċi li jtertqulhom ġisimhom, inkella jħanxrulhom rashom jew mogħtija n-nar. Iżda l-insara li ħaddnu l-qima tan-Nazzarenu, kienu jinġabru bil-moħbi u f'postijiet taħt l-art jew katakombi, hemm jisimgħu il-qari tal-kotba Mqaddsa, ikantaw is-Salmi u jitrejqu bil-ħobż tas-sema jew l-Ewkaristija. Kienu lkoll ħaġa waħda fit-tbatijiet u fil-privazzjonijiet ta' djarhom u ħwejjiġhom.



L-imperaturi ta' wara Neruni ma kinux jagħmlulu għajb fl-imġieba tagħhom lejn l-insara. Ghaxar imperaturi Rumani, li ħakmu fuq imperu hekk kbir, b'setgħa kbira. Spiss jissemma l-kiefer Valerjanu fir-rakkont ta' San Lawrenz Martri u l-aħħar wieħed, xejn anqas gwapp minnu, Dijoklezjanu (snin 244 sa 311) Dan qrib tmiem ta' ħajtu, meta beda jħoss it-toqol tas-snin, iddeċieda li jaqsam it-tmexxija ta' l-imperu fi tnejn dak tal-punent u dak ta'l-Lvant. Għall-Punent ħatar lil Kostanzo, waqt li għal Lvant lil Galerju, gwapp daqsu fil-mod kif jittratta lill-insara

**Kostanzo Kloru.**

L-istorja tixhed kemm dan kien bniedem ta' ħila fl-armata u kapaċita' fil-politika, strateġija, qlubija u toleranza. Kien ippostjat fl-Ingilterra. Hemm iltaqa' ma' bniedma bl-isem Elena, imwielda fil-Bitinja, u b'xi mod tant laqtitu fl-imġieba u fis-sura tagħha. Hu talab lil missierha, li msaħħar mill-kapaċita' tagħha biex tkun martu ideali. Il-ħolma tiegħu seħħet u Elena żagħżugħa saret mart ġeneral hekk qalbieni. Il-Mulej bierek din l-għaqda tagħhom wara sentejn miż-żwieġ,kellhom b'wild iben hekk mistenni imwieled f'Naissus, li ġie mogħti l-isem ta' Kostantinu. Bħala bniedem impenjat tassew fl-armata, Kostanzo kellu jkun 'l bogħod mid-dar bosta drabi u għalhekk it-trobbija tat-tfajjel, li bla dubju wiret il-karattru ta' missieru u t-tjubija u l-manjieri tajba ta' ommu. Fil-ħajja miżżewġa ta' din il-koppja, inqala' s-saram.

Dijoklezjanu tefa' għajnejh fuq Kostanzo u talbu li jkun Iċ-Ċesri tal-parti tal-Punent ta' l-Imperu. Iżda poġġielu kundizzjoni li jingħaqad biż-żwieġ ma' Teodora, armla ta' iben l-Imperatur. Kontra qalbu ma riedx jitlef din il-promozzjoni u għalhekk ħalla lil Elena u lil ibnu, waqt it-trobbija tiegħu li wasal għall-adolexxenza tiegħu. Biex tkompli tagħqad, Galerju il-ko-ċesare ta' Lvant, talab li iben Kostanzo jitbiegħed minn dar ommu Elena, bl-iskuża li jitħarreġ fl-istrateġija militari bħal missieru. Niket kbir għal ommu kienet il-firda furzata minn binha. Min jaf sabitx din il-mara, sabar meta fetħet qalbha ma' oħrajn f'xi waħda mill-laqgħat ta' l-insara li qatt ma stmerret, ukoll jekk ma kenitx għal kollox waħda minnhom fil-fidi u fl-istqarrija tan-Nazzarenu?

Is-snin bdew għaddejja ġmielhom minn fuq Kostanzo. Ibnu b'xi mod sar jaf minħabba l-komunikazzjoni fl-imperu, u b'ħeffa kbira fuq żwiemel għaġġiela, ħarab minn taħt għajnejn Galerju, u qabad triqtu lejn missieru. Kellu jaqsam l-Englich Channel sa jasal f'York. Min jista' jiddeskrivi l-ferħ tagħhom, missier u iben, mifruda għal tant snin?. Ix-xwejjaħ irrikmanda lil ibnu Kostantinu biex ikun is-suċċessur tiegħu fit-treġija, u s-suldati tiegħu aċċettaw ix-xewqa ta' Kostanzo, li Kostantinu jkun is-suċċessur tiegħu. Hawn inqala' inkwiet ieħor billi ġo Ruma Kostantinu kellu għadu bl-isem Massenzju li kien jinħtieġlu jirbaħ Il-battalja kienet imminenti u l-armati tagħhom kienu lesti għat-taqbida. Jingħad li Kostantinu kellu dehra misterjuża fl-eqqel tal-jum. Fis-sema deher sinjal ta' salib bil-kitba taħtu "b'dan is-sinjal inti tirbaħ". Kostantinu ordna li dan is-sinjal jitpoġġa fuq l-armamenti u l-alabardi tal-gwerra.. Il-battalja fuq Ponte Milvio twettqet u Massenzju safa mirbuħ u spiċċa mgħarraq fix-xmara Tevere. Issa Kostantinu safa l-Imperatur waħdieni tan-naħa tal-Punent ta' l-imperu. Bla dubju ta' xejn sejjaħ lil ommu biex tkun qribu, wara l-isolament twil li ġarrbet mhux ħtija tagħha. B'qima lejn din l-omm

Kostantinu ordna li x-xbiha tagħha tiġi minquxa fuq il-muniti Kostantino quddiem imperu hekk vast, b'ċittadini li jqimu kull xorta ta' allat, waqt li uħud minnhom imċaħħda li jqimu l-veru Alla, barra l-isvantaġġI kollha li kienu jxekkluhom, kellu sfida kbira quddiemu, minkejja t-trobbija tajba li kellu minn ommu, mara li l-Liturġija tapplikalha l-kliem li hi għexet il-misteru tas-salib. Ħajjitha baqgħet imżewqa bit-togħma tas-salib. Hi kompliet trabbi ulied binha u kellha għożża kbira lejn ibnu Krispu, minn Fawsta. Din twebblet li s-setgħa tintwiret minn binha . Meta Kostantinu sar jaf b'dan, hu ordna l-qtil ta' Krispu (tant għażiż għal Elena)u ta' ommu Fawsta

**Il-libertà**

L-istorja tixhed li Galerju fis-sena 311 rattab il-korla tiegħu kontra l-insara u ppermetta li ma jiġux aktar maħqura, tinħafrilhom il-piena, basta jitolbu għall-imperu u għas-saħħa ta' Galerju nnifsu. Feġġet l-okkażjoni taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieg bejn bint Kostantinu, minn waħda minn nisa tiegħu żżewget ma' Liċinju fis-sena 313 A D Hawn kien l-okkażjoni biex flimkien joħorġu l-Editt ta' Milan. B'dan l-editt, iċ-ċittadini kollha kienu ħielsa li jqimu liema allat iridu u lill-insara jiġi mogħti lilhom il-ħelsien minn kull oppressjoni, jinħelsu minn ħabsijiet minħabba twemminhom u jirritornaw għal djarhom, isewwu l-ħsarat li sarulhom u jibnu djar ta' qima lil Alla veru. Kien ġest sabiħ ta' Elena u binha li rregalaw il-palazz tal-Lateran lill-Papa Silvestru.

**Għeluq**

Qegħdin infakkru din il-ġrajja ta' ħelsien wara tant snin ta' oppressjoni. Għaddew tant sekli u l-knisja ta' Kristu batiet taħt reġimi bla Alla u ħakkiema bla qalb u raġuni. Fis-seklu tagħna f'diversi pajjiżi, qed ifiġġ xaqq ta' dawl ta' tolleranza lejn l-insara li kellhom diversi xkiel fil-qima u twemminhom. Xi drabi tagħlim qarrieq qed jixtered u bla ebda kontroll għal dak li hu xieraq u onest, kollox jippermettu li jista' jsir bla ebda rażan, indipendentement mil-liġI tal-morali u tas-sewwa. It-tifkirata' dan l-editt għandha tqanqalna biex, waqtli ma nagħmlux gwerra lil dawk li jkollhom twemmin u drawwiet differenti, inqumu fuq tagħna fuq l-eżempju ta' l-ewwel insara u ngħixu fedelment dak li nistqarru u li l-awtoritajiet tal-Knisja mwaqqfa minn Kristu nnifsu, tinkoraġġina li nistqarru u nwettqu

